

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 818/2007**tat-12 ta' Lulju 2007****li jistabbilixxi r-rata definittiva ta' rifiżjoni u l-perċentwal tal-ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni tas-sistema B fis-settur tal-frott u tal-ħaxix (tadam, larinġ, lumi u tuffieħ)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-sug fil-frott u l-ħxejjex ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1961/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 li jstabbilixxi regoli ddetal-jati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 rigward ir-rifiżjonijiet ta' l-esportazzjoni tal-frott u tal-ħxejjex ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 6(7) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 134/2007 ⁽³⁾ stabbilixxa l-kwantitajiet indikattivi li għalihom jistgħu jinħarġu liċenzji għall-esportazzjoni tas-sistema B.

- (2) Rigward il-liċenzji tas-sistema B mitluba mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Ġunju 2007 għat-tadam, il-larinġ, il-lumi u t-tuffieħ, jaqbel li tiġi stabbilita r-rata definittiva ta' rifiżjoni fil-livell tar-rata indikattiva, u li jiġi stabbilit il-perċentwal tal-ħruġ ta' liċenzji għall-kwantitajiet mitluba,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-applikazzjonijiet għal liċenzji għall-esportazzjoni tas-sistema B imressqa skond l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 134/2007 bejn l-1 ta' Marzu sat-30 ta' Ġunju 2007 il-perċentwal tal-ħruġ u r-rati ta' rifiżjoni applikabbli huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-13 ta' Lulju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Lulju 2007.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 (ĠU L 7, 11.1.2003, p. 64).

⁽²⁾ ĠU L 268, 9.10.2001, p. 8. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 386/2005 (ĠU L 62, 9.3.2005, p. 3).

⁽³⁾ ĠU L 52, 21.2.2007, p. 12.

ANNEX

Il-perċentwali tal-ħruġ ta' liċenzji għall-kwantitajiet mitluba u r-rata ta' rifiżjoni applikabbli għal-liċenzji tas-sistema B mitluba mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Ġunju 2007 (tadam, larinġ, lumi u tuffieħ)

Prodott	Rata tar-rifiżjoni (EUR/tunnellata netta)	Perċentwal tal-ħruġ ta' liċenzji għall-kwantitajiet mitluba
Tadam	20	100 %
Larinġ	28	100 %
Lumi	50	100 %
Tuffieħ	22	100 %